MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 907/1990/1

**Onorevoli Ministru Michael Falzon**

**v.**

**Sammy Meilaq, Louis Spiteri, Joseph Camilleri, Gaston Debono Grech, Lino Gatt, Alfred Micallef, Joseph Saliba, Lino Vassallo u Charles Cremona**

**Il-Qorti:**

**I PRELIMINARI**

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru, 2002

u li biha l-konvenuti, li kollha kemm huma kienu jokkupaw karigi fil-Kunsill tal-Malta Drydocks Corporation, instabu responsabbli li taw malafama lill-attur bil-pubblikazzjoni ta' stampat, u li biha gew ikkundannat ihallsu lill-istess attur solidalment bejniethom is-somma ta' sitt mitt lira (LM600) – bl-imghax mid-data tas-sentenza.

2. Din is-sentenza se tigi riportata kollha kemm hi hawnhekk billi fiha hemm il-premessi u t-talbiet kontenuti fic-citazzjoni ta' l-attur, kemm l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuti kif ukoll il-motivazzjoni kollha adoperata mill-ewwel Onorabbli Qorti biex waslet ghad-dispositiv taghha. Is-sentenza taqra hekk:
“Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Ottubru 1990 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-konvenuti Sammy Meilaq u Louis Spiteri jokkupaw il-karigi ta' Chairman u Deputy Chairman rispettivament tal-Kunsill tal-Malta Drydocks Corporation u l-konvenuti l-ohra Joseph Camilleri, Gaston Debono Grech, Lino Gatt, Alfred Micallef, Joseph Saliba, Lino Vassallo u Charles Cremona huma membri ta' l-istess Kunsill.

Illi skond l-Artikolu 5 ta' l-Att dwar it-Tarzna ta' Malta l-affarijiet u x-xoghol tal-Malta Drydocks Corporation jitmexxew mill-imsemmi Kunsill.

Illi mal-bini tal-Malta Drydocks Corporation fi Pjazza Gavino Gulia, Bormla twahhal kartellun bil-kliem “Michael Falzon Ministru Mbroljun Jaghti l-Offerti Oghla b'Miljun” u dan il-kartellun thalla fuq l-imsemmi bini fl-24 ta' Settembru, 1990 u ghal bosta granet qabel u wara.

Illi mal-bini hallew l-imsemmi kartellun fuq il-bini tal-Malta Drydocks Corporation li ghalih huma responsabbli, il-konvenuti, b'agir li jmur ultra vires il-mansjonijiet tal-karigi taghhom bhala Chairman, Deputy Chairman u membri tal-Kunsill ta' l-imsemmija korporazzjoni huma responsabbli ai termini ta' l-Att tal-1974 dwar l-Istampa ghall-pubblikazzjoni ta' l-imsemmi stampat gew attribwiti lilu fatti

determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku.

Illi l-istanti bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fil-ligi ta’ l-istampa (Att XL ta’ l-1974).

talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuti taw malafama lill-attur bil-pubblikazzjoni ta’ l-istampat fuq imsemmi li ghandu l-iskop illi jtellef jew inaqqas l-istima tieghu; u
2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina f’ammont li ma jeccedix l-elfejn lira Maltin (Lm2000) bhala danni u riparazzjoni ta’ l-ingurja morali u malafama li l-attur bil-pubblikazzjoni ta’ l-istampat fuq imsemmi.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li huma ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

1. Illi l-eccepjenti m’humiex il-legittimi kontratitturi f’din l-azzjoni billi la huma l-awturi u lanqas ma kienu bl-ebda mod responsabbli ghall-kartellun in kwistjoni la b’kommissjoni u lanqas b’ommissjoni tad-doveri taghhom.
2. Illi l-Kunsill tat-Tarzna fit-tmexxija tal-affarijiet u x-xoghol (affairs and business) tal-Malta Drydocks jagixxi kollettivament skond id-decizjoni tal-magoranza u hadd mill-eccipjenti wahdu ma ghandu jedd jagixxi jew imexxi f’isem it-Tarzna. It-Tmexxija u x-xoghol ta’ kuljum u z-zamma tal-propjeta’ tal-korporazzjoni hija f’idejn il-Management tal-Malta Drydocks.
3. Salvi Eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta’ l-4 ta’ Dicembru 1990 fejn gie nominat l-assistent gudizzjarju Dr. Saviour Demicoli biex jiehu x-xhieda u jircievi dokumenti prodotti mill-partijiet;

Rat id-digriet tat-18 ta’ Frar 1994 fejn ghall-imsemmi assistent gudizzjarju giet sostitwita Dr. Maria Dolores Gauci;

Rat il-verbali kollha tax-xiehda, l-atti l-ohra relattivi u d-dokumenti esibiti;

Semghet is-sottomissjonijiet ta' Dr. Pawlu Lia ghall-konvenuti;

Ikkunsidrat illi:-

1. L-azzjoni odjerna giet intavolata mill-attur meta kien jokkupa l-post ta’ Ministru ta’ l-Izvilupp ta’ l-Infrastruttura. Huwa xehed li kien hassu ngurjat bil-kontenut ta’ kartellun li kien imwahhal ma’ bini tal-Malta Drydocks u li kien jidher sew minn Pjazza Gavino Gulia, Bormla. Il-kliem fuq il-kartellun kien ighid testwalment: MICHAEL FALZON MINISTRU IMBROLJUN JAGHTI L-OFFERTI OGHLA B’MILJUN. Huwa qal li hassu ngurjat ghax b’dak il-kliem kien qed jigi insinwat li huwa ha xi decizjoni biex jaghti *tender* bi prezz oghla bhala parti minn qerq jew xi haga ohra illi mhix *above board*.

2. M’ghandu jkun hemm l-ebda dubju li l-kliem hawn fuq riportat li kien imnizzel fuq il-kartellun jikkostitwixxi addebitu ingurjuz fil-konfront ta’ l-attur, u ma jistax jittiehed bhala xi kumment accettabbli fl-ambitu ta’ socjeta` civili bhalma hi taghna. Ghalhekk l-attur ipprova li b’dak l-istampat huwa gie malafamat.

3. Issa fl-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti jsostnu li mhumiex il-legittimi kontradittturi peress li mhumiex l-awturi tal-kartellun u lanqas ma kienu b’xi mod responsabbli ghalih la b’kommissjoni u lanqas b’ommissjoni tad-doveri taghhom. Ikomplu jghidu li l-Kunsill tat-Tarzna tmexxi l-affarijiet tal-Malta Drydocks kollettivament skond id-decizjoni tal-maggoranza u hadd minnhom ma jista’ jagixxi jew imexxi wahdu f’isem it-Tarzna. Inoltre t-tmexxija tax-xoghol ta’ kuljum hija f’idejn il-Management tal-Malta Drydocks.

4. Dawn il-proceduri saru a bazi ta’ l-Att ta’ l-1974 dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta). Skond din il-ligi, ir-reati ta’ l-istampa jaghtu lok kemm ghall-azzjoni kriminali kif ukoll ghall-azzjoni civili. L-artikolu 23 ta’ dik il-ligi tindika l-persuni li kontra taghhom jistghu jittiehdu dawn l-azzjonijiet; izda dan l-artikolu ma jghidx li l-azzjoni trid tittiehed kontra dawk il-persuni msemmijin fl-artikolu **biss**. Difatti l-artikolu 11 ta’ l-istess ligi jipprovdi li *“**kull min**, b’xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta’ dan l-Att, jaghti malafama lil xi persuna, jehel meta jinsab hati….”* U wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 3 huwa l-pubblikazzjoni ta’ stampat, filwaqt li l-artikolu 2 jinkludi fid-definizzjoni ta’ stampat *“kull kartellun jew avviz iehor li jitwahhal li jkun fih xi sinjal jew kitba miktuba, stampata ….”*

5. Imbaghad l-artikolu 49 ta’ l-istess Kap 248 ighid hekk: *“Meta xi reat taht dan l-Att isir minn korp ta’ persuni kull persuna li, fil-hin ta’ l-eghmil tar-reat kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili ta’ dak il-korp ta’ persuni jew kienet tidher li qed tagixxi f’xi kariga bhal dik tkun hatja ta’ reat u tehel meta tinsab hatja l-istess piena ghal ir-reat kemm-il darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun uzat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat”*.

6. Mhuwiex kontestat li fil-perijodu in kwistjoni, cioe` meta twahhal il-kartellun imsemmi, il-konvenuti kienu jiffurmaw il-Kunsill tat-Tarzna. Bhalma gie ndikat, il-kartellun kien imwahhal fuq bini tat-Tarzna u kien jidher minn Pjazza Gavino Gulia, Bormla. Ir-responsabbilta` ghall-kartellun ghalhekk taqa’ fuq it-Tarzna ta’ Malta. Skond is-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 5 ta’ l-Att dwar it-Tarzna ta’ Malta (Kap 207 tal-Ligijiet ta’ Malta), *“l-affarijiet u x-xoghol tal-korporazzjoni ghandhom jitmexxew mill-Kunsill”*. Konsegwentement fiz-zmien in kwistjoni l-konvenuti kellhom kariga li tinkwadra ruhha fil-karigi msemmija fl-artikolu 49 tal-Kap 248 kif citat fil-paragrafu precedenti.

7. Il-konvenuti kollha xehdu li ma kinux l-awturi ta’ l-imsemmi kartellun, li lanqas kienu rawh u saru jafu bih wara rapporti f’sezzjoni ta’ l-istampa.

8. Sammy Meilaq xehed li kif sar jaf b’dan ir-rapport, immedjatament ta ordni lis-*Security* biex il-kartellun jitnehha. Wara ftit tal-hin cemplulu lura biex ighidulu li ma sabu l-ebda kartellun u ghalhekk hu stess mar idur biex jara jekk isibux u wara li saqsa lil xi haddiema, dawn indikawlu fejn kien jinsab il-kartellun u ghalhekk kellem lil Louis Spiteri (id-*deputy chairman*) biex jiehu passi sabiex jitnehha l-kartellun. Dan cempillu wara xi hin u qallu li kien inqala’

9. Louis Spiteri kkonferma li darba cempillu Sammy Meilaq dwar l-imsemmi kartellun u hu cempel lill-*manager of works* biex inehhieh, kif fil-fatt ghamel.

10.Il-Qorti hi soddisfatta mix-xiehda moghtija mill-konvenuti li mhux biss ma kinux l-awturi tal-kartellun in kwistjoni izda lanqas biss kienu jafu bl-ezistenza tieghu. Dan pero` ma jezimihomx mir-responsabbilta`.

11.Minn ezami ta’ l-istess xiehda tal-konvenuti ma jirrizultax li qatt ittiehdu xi mizuri mill-Kunsill biex jigi evitat li jsiru u jitwahhlu kartelluni bhal dak in kwistjoni. Sammy Meilaq xehed li l-prassi sakemm ilu jahdem it-Tarzna hi li jekk ikunu jafu b’xi kartellun hekk inehhuh. Dan ifisser li qatt ma ttiehdu mizuri preventivi biex il-Kunsill jara li ma jsirux u ma jitwahhlux tali kartelluni. Il-mistoqsijiet parlamentari u twegibiet relatati esebiti mill-attur u li jantecedu l-kaz in ezami, ilkoll juru li kienet diga` tezisti certa preokkupazzjoni dwar twahhil ta’ kartelluni b’certi temi. Ix-xiehda ta’ Sammy Meilaq u l-kaz odjern jikkonfermaw in-nuqqas ta’ azzjoni preventiva da parti tal-Kunsill, azzjoni li d-diligenza kienet tirrikjedi.

12.Fid-dawl tas-suespost ghaldaqstant il-konvenuti bhala membri tal-Kunsill tat-Tarzna ghandhom jitqiesu responsabbli ghall-malafama li nghatat lill-attur bil-kartellun imsemmi u allura ghad-danni ta’ *indole* morali in kwantu jolqtu l-unur u l-fama ta’ l-attur, danni li l-Qorti qed tiffissa fl-ammont ta’ sitt mitt liri Maltin (Lm600).

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijet tal-konvenuti u tilqa’ t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-malafama moghtija lill-attur bil-pubblikazzjoni ta’ l-istampat fuq imsemmi li ghandu l-iskop li jtellef jew inaqqas l-istima tieghu,
(2) tikkundannahom ihallsu lill-attur solidalment bejniethom is-somma ta’ sitt mitt liri Maltin (Lm600) bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.”

**<u>II L-APPELL</u>**

3. Il-konvenuti hassewhom aggravati minn din is-sentenza u ghalhekk intavolaw appell minnha quddiem din il-Qorti b’rikors ipprezentat fl-14 ta’ Ottubru, 2002. Ghar-ragunijiet spjegati fih, il-konvenut appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-imsemmija sentenza tat-2 ta’ Ottubru 2002, u minflok tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti u tichad it-talbiet ta’ l-attur – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

4. Fl-24 ta’ Ottubru 2002, l-attur appellat ipprezenta Risposta ta’ Appell tieghu li fiha, wara li wiegeb ghal sottomissjonijiet kontenuti fir-Rikors ta’ l-Appell, talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tat-2 ta’ Ottubru 2002, u ghalhekk tichad l-appell ta’ l-appellanti – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti, u <u>previa okkorrendo</u> dikjarazzjoni li dan l-appell huwa wiehed fieragh u vessatorju abbazi tal-fuq imsemmija ragunijiet, tikkundanna lill-appellanti jhallsu l-ispejjez doppji.

5. Din il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri fis-seduta tal-15 ta’ Frar, 2006. Hemmhekk ukoll il-Qorti laqghet talba ghall-korrezzjoni fir-Rikors ta’ l-Appell intavolat mill-appellanti u fl-istess seduta l-attur appellat irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu. Dakinhar il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-27 ta’ April 2006, cioe` ghal-lum.

**<u>III KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

6. L-azzjoni odjerna giet intavolata mill-attur il-Perit Michael Falzon, fl-4 ta' Ottubru 1990, fl-epoka meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Ministru ta' l-Izvilupp u ta' l-Infrastruttura. Fix-xiehda tieghu l-attur kien irrefera ghall-kartellun li kien imwahhal mal-bini tal-Malta Drydocks u li kien jidher sew minn Pjazza Gavino Gulia, Bormla. Dan il-kartellun kellu stampati fuqu b'ittri kbar ta' kulur ahmar is-segwenti kliem: "Michael Falzon il-Ministru mbroljun jaghti l-offerti oghla b'miljun". Dan il-kartellun jidher fir-ritratt esebit bhala dokument MF1 mill-attur u li jinsab a fol. 53 tal-process. Gew esebiti wkoll zewg ritratti ohra cioe` dokumenti PS1 u PS2 li juru bieb ghal Malta Drydocks li jaghti ghall-Pjazza Gavino Gulia, fejn mir-ritratt PS2 stess jidher li hemm venda tal-karozzi tal-linja. Evidentement, dawn iz-zewg ritratti gew esebiti biex jindikaw li l-istess kartellun ma tpoggiex f'xi post imwarrab izda tpogga, ghall-kuntrarju, f'post pjuttost prominenti mal-faccata tal-proprjeta` Malta Drydocks b'mod li kien jidher sew mill-pubbliku li jkun ghaddej mill-Pjazza Gavino Gulia, Bormla.

7. L-attur xehed li huwa hassu ingurjat bl-imsemmi kliem li kien jidher fuq il-kartellun, ghaliex bl-istess kliem kien qed jigi insinwat li huwa kien ha xi decizjoni biex jaghti xi tender bi prezz oghla bhala parti minn xi qerq jew xi haga ohra li mhijiex "above board". Huwa oggezzjoni partikolarment ghall-kelma "imbroljun" u zied jghid li dan il-poster dam ghal hafna zmien imwahhal fil-proprjeta` tal-Malta Drydocks.

8. Kif sewwa qalet l-ewwel Onorabbli Qorti, ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-kliem riportat fuq il-kartellun kien jikkostitwixxi addebitu ingurjuz fil-konfront ta' l-attur, u li jikkostitwixxi malafama, ghaliex jattribwixxi lill-attur fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu jew li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku. Kif sewwa qalet l-ewwel Onorabbli Qorti, l-kliem miktub fuq l-imsemmi kartellun ma jistax jitqies li kien xi kumment accettabbli f'socjeta` civili u demokratika bhal ma hija taghna. Isegwi ghalhekk li s-sentenza appellata kkonkludiet sewwa li l-attur appellat irnexxielu jipprova li l-istess kartellun, li jaqa' fid-definizzjoni ta' "stampat" skond

l-Artikolu 2 tal-Kap. 248, kien “stampat” malafamanti fil-konfront tieghu.

9. Il-konvenuti appellanti mhumiex qeghdin jikkontestaw din il-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti. Lanqas quddiem l-ewwel Qorti ma kienu issollevaw eccezzjoni fis-sens li l-kliem fuq il-kartellun ma kienx malafamanti jew xi eccezzjoni li biha ttentaw jipprovaw il-verita` tal-fatti allegati. Ghall-kuntrarju, fl-eccezzjoni li taw quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti huma ssottomettew li ma kenux il-legittimi kontraditturi f’din l-azzjoni billi la kienu l-awturi u lanqas kien b’xi mod responsabbli ghat-twahhil tal-kartellun in kwistjoni la b’kommissjoni u lanqas b’ommissjoni tad-doveri taghhom.

10. Jirrizulta li l-ewwel Qorti ddikjarat fis-sentenza taghha li hija kienet sodisfatta mix-xiehda moghtija mill-konvenuti li huma, mhux biss ma kenux l-awturi tal-kartellun in kwistjoni, izda lanqas kienu jafu bl-ezistenza tieghu.

Madankollu, l-ewwel Qorti xorta wahda sabet lill-konvenuti responsabbli ghall-malafama kontenuta fil-kliem riportat fuq il-kartellun u dan b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 49 ta’ l-Att Dwar l-Istampa (Kap. 248). Dan l-Artikolu 49 jiddisponi hekk:
“Meta xi reat taht dan l-Att isir minn korp ta’ persuni, kull persuna li, fil-hin ta’ l-ghemil tar-reat kien hekk direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili ta’ dak il-korp ta’ persuni jew kienet tidher li qed tagixxi f’xi kariga bhal dik tkun hatja ta’ reat u tehel meta tinsab hatja l-istess piena ghal dak ir-reat kemm-il darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun uzat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-ghemil tar-reat.”

11. L-appellanti ma qablux mar-ragunament tal-Qorti ghaliex allegaw li dan ir-ragunament kien imur kontra l-principju tal-gustizzja li trid li hadd ma ghandu jwiegeb hlief ghall-ghemil tieghu stess. L-appellanti qeghdin isostnu li huma la ghamlu u lanqas naqsu li jaghmlu xi haga li waslet ghat-twahhil tal-kartellun inkriminanti. Ghalhekk qeghdin isostnu li l-ewwel Qorti ma kenitx

korretta meta sabithom responsabbli ghall-malafama in kwistjoni. L-appellanti jispjegaw dan l-aggravju taghhom taht zewg aspetti cioe` l-aspett legali u l-aspett fattwali.

12. Kwantu ghall-aspett legali, l-appellanti qeghdin isostnu li d-disposizzjoni konvenuta fl-imsemmi Artikolu 49 kellha tigi interpretata b'mod ristrett u ma kenitx applikabbli ghal kaz taghhom,. Huma jispjegaw dan l-aggravju taghhom testwalment hekk:
"L-ewwel htiega ghall-applikabilita` ta' din id-disposizzjoni hija li jsir **reat minn korp ta' persuni**. Il-Qorti ghalhekk kellha fl-ewwel tara jekk il-Malta Drydocks kenitx l-awtur jew kenitx hi li wahlet jew b'xi mod esponiet il-kartellun in kwistjoni. Mill-provi u l-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti ma jirrizulta minn imkien li l-Malta Drydocks ghamlet xi att biex tippubblika jew tikkomunika l-kartellun. Il-korporazzjoni ovvjament ma kenitx l-awtur. Inoltre l-kartellun ma twahhalx b'decizjoni tal-Malta Drydocks u hadd mid-dirigenti taghha ma kien jaf bih.

Una volta ma jirrizultax li l-Malta Drydocks innifisha ghamlet xi reat, allura mhux il-kaz li jigi indagat jekk reat kienx kommess minghajr it-taghrif ta' l-ufficjali taghha u li dawn uzaw id-diligenza xierqa ghall-ghemil tar-reat."

13. Kwantu ghall-aspett fattwali, l-appellanti qeghdin isostnu li l-kartellun kien imwahhal fuq hajt estern tat-tarzna b'mod li ma jidhirx minn gewwa. Huma jghidu li probabilment twahhal minn barra t-tarzna u ma hemm ebda provi li dan sar min-nies li kellhom konnessjoni mat-tarzna. Izidu jghidu li hadd mill-konvenuti ma kien jidhol minn dik in-naha tat-tarzna u kien ghalhekk li hadd minnhom ma kien jaf bih. L-appellanti ssottomettew li l-proprjeta` tat-tarzna testendi fuq diversi bliet fosthom il-Gzira, il-Marsa, l-Isla, Bormla, Birgu u l-Kalkara u mhux prattiku li wiehed jippretendi li ufficjali jkun jafu b'kull kitba li tithazzez mal-hitan tal-proprjeta` taghha. L-appellanti ssottomettew li ma jarawx kif setghu janticipaw it-twahhil tal-kartellun jew x'tip ta' mizura preventiva setghu jiehdu biex jipprevenuh. Ma kien hemm l-ebda kwistjoni li saru jafu bih u hallewh fejn kien.

14. Dawn iz-zewg aspetti ta' l-aggravju mressaq mill-appellanti qeghdin jigu trattati flimkien minn din il-Qorti ghal raguni ta' pratticita`. Gie ppruvat minghajr ombra ta' dubju li l-kartellun bil-kliem malafamanti fuqu fil-konfront ta' l-attur kien jinsab espost ghall-harsa tal-pubbliku meta kien imwahhal ma' faccata prominenti tal-Malta Drydocks, ezattament fl-gholi, fuq ix-xellug tal-bieb li jaghti ghall-Pjazza Gavino Gulia. Certament ma hux ragjonevoli li wiehed jippretendi li l-attur kellu xi oneru tal-prova fuq spallejh li jgib xi decizjoni jew xi rizoluzzjoni tal-Kunsill jew tal-Management tal-Malta Drydocks kontententi xi ordni ghall-manifattura jew ghat-twahhil tal-kartellun in kwistjoni. Mill-banda l-ohra, l-appellanti setghu gabu provi li l-Malta Drydocks ma kellha x'taqsam assolutament xejn ma' l-istess kartellun malafamanti. Setghu, per ezempju, iressqu provi li l-Malta Drydocks kellha policy stretta fis-sehh intiza biex trazzan il-wiri ta' kartelluni simili fi proprjeta` taghha. Setghu ressqu provi li jindikaw li l-Malta Drydocks kienet tinvestiga bis-serjeta` kull incident simili li kien jissuccjedi u li kienet tiehu l-passi kollha necessarji kontra min kien jinqabad iwahhal kartelluni simili.

15. Il-konvenuti appellanti ma ressqu ebda provi f'dan is-sens. Huma llimitaw il-provi taghhom billi taw ix-xiehda taghhom, li in succint, kienet fis-sens li huma ma kellhom l-ebda sehem jew lanqas biss konoxxenza tat-twahhil ta' dan il-kartellun. Xehdu li saru jafu bih biss, wara rapport li sar f'gurnal lokali. Il-konvenut Sammy Meilaq, appena sar jaf b'dan ir-rapport fuq il-gurnali, immedjatament ta ordni biex il-kartellun jitnehha. Meta l-impjegati tas-security qalulu li ma kien hemm l-ebda kartellun fit-tarzna kif gie riportat fil-gazzetta, huwa qabad il-bicycle u mar idur mat-tarzna biex jara jekk jezistix dan il-kartellun. Meta ma rnexxielux isibu, huwa saqsa xi haddiema jekk kenux jafu bih u dawn qalulu li kien hemm kartellun fuq Michael Falzon imma qieghed imwahhal fuq barra tan-number one dock. Huwa rrapporta dawn il-fatti lid-Deputy Chairman, li kien Louis Spiteri, u lil dan qallu biex jiehu passi halli l-istess kartellun jitnehha. Wara ftit dan cempillu lura u qallu li fil-fatt il-kartellun kien inqala'. Huwa kompla jghid li

sa dakinhar li ra r-rapport fuq il-gazzetta ma kelli ebda rapport dwar dan il-kartellun. Zied jghid li l-prassi sakemm ilu jahdem it-tarzna hu, kienet li "jekk inkunu nafu b'xi kartellun hekk, innehhuh".

16. Minn ezami tax-xiehda tal-konvenuti, ma jirrizultax li l-Malta Drydocks qatt hadet xi mizuri biex jigu evitati li jigu manifatturati u jew jitwahhlu kartelluni bhal dak in kwistjoni. A fol. 28, 29, 30 u 34 tal-process hemm esebiti diversi mistoqsijiet Parlamentari u twegibiet relattivi li gew esebiti mill-attur u li kollha jgibu data antecedenti ghall-kaz in ezami. Kif sewwa qalet l-ewwel Onorabbli Qorti, dawn il-mistoqsijiet Parlamentari u twegibiet relattivi, ilkoll juru li kienet diga` tezisti certa preokuppazzjoni dwar twahhil ta' kartelluni b'certi temi. Huwa evidenti li kemm id-Drydocks, bhala korp, kif ukoll id-derigenti taghha, inkluzi l-konvenuti appellanti kellhom obbligu juzaw diligenza xierqa, vigilanza u kontroll u li jiehdu mizuri specifici dwar wiri ta' kartelluni bhal dawn fi proprjeta` tat-tarzna, billi rrizulta li dan ma kienx xi incident izolat jew sporadiku.

17. Huwa veru li f'dan il-kaz l-awtur specifiku tal-kitba jew l-identita` tal-persuna li wahlet il-kartellun baqghet qatt ma giet identifikata. Madankollu, dan ma jfissrix li ebda azzjoni civili ma setghet tittiehed f'dan il-kaz. Infatti skond il-paragrafu c ta' l-Artikolu 23 tal-Kap. 248, l-azzjoni civili taht l-Att ta' l-Istampa, tista' tittiehed, meta l-awtur ma jkunx jista' jigi identifikat, kontra l-persuna <u>responsabbli ghall-pubblikazzjoni</u>. Din il-frazi "responsabbli ghall-pubblikazzjoni" hija mfissra fl-Artikolu 2 ta' l-istess Att dwar l-Istampa bhala li tinkludi kull persuna li jkollha facilitajiet ghall-produzzjoni jew riproduzzjoni ta' kull stampat. L-istess Artikolu 2 jiddifenixxi "<u>stampat</u>" bhala li tinkludi kull kartellun li jitwahhal li jkollu kitba stampata mpingija jew xorta ohra impressa fuqu, waqt li l-istess artikolu jiddefinixxi l-kelma "<u>persuna</u>" bhala li tinkludi korp ta' persuni sew jekk ikollhom personalita` guridika distinta, sew jekk le.

18. Minn dak li ntqal sa issa jirrizulta li, la darba l-awtur tal-kartellun malafamanti li twahhal mal-faccata tal-proprjeta` tal-Malta Drydocks baqa' injot, u la darba l-

Malta Drydocks certament kellha u ghandha l-facilitajiet ghall-produzzjoni ta' l-istampat inkriminanti, allura jidher li skond l-interpretazzjoni moghtija mil-ligi stess il-Malta Drydocks tista' tinzamm responsabbli ghall-pubblikazzjoni. F'dan il-kaz l-azzjoni kriminali u civili tista' tittiehed kontriha, kif tista' tittiehed ukoll, a tenur ta' l-Artikolu 49 ta' l-Att Dwar l-Istampa kontra d-dirigenti taghha – bhal ma huma l-konvenuti appellanti. Dawn jistghu jiskolpaw ruhhom kemm-il darba jippruvaw li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghhom, kif ukoll li huma jkunu wzaw id-diligenza kollha xierqa biex jevitaw l-ghemil tar-reat.

19. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, l-ewwel Qorti kienet korretta meta applikat l-imsemmi Artikolu 49 ghall-kaz odjern u kienet korretta wkoll meta sabet lill-konvenuti bhala membri tal-Kunsill tal-Malta Drydocks Corporation responsabbli ghall-malafama li nghatat lill-appellant bil-kartellun in kwistjoni. Dan ghaliex ghalkemm huma rnexxiehom jippruvaw li t-twahhil tal-kartellun u z-zamma tieghu ma' hajt estern tat-Tarzna sar minghajr it-taghrif taghhom pero` huma ma rnexxielhomx jippruvaw sodisfacentement li effettivament kienu wzaw d-diligenza kollha xierqa biex jevitaw tali twahhil u zamma ta' l-istess kartellun..

20. Ghal dawn il-motivi tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata – bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------